**23 ta' Jannar, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Av. Dottor Victor Emanuel Ragonesi *et noe.*

*versus*

Helma mart Joseph Muscat Doublesin *et*

**Proċediment Sommarju Speċjali**

*Skond id-disposizzjonijiet tal-liġi relativi għall-proċediment sommarju speċjali kontemplat fl-art. 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fil-każ ta' talba għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut l-attur jista' fl-istess att taċ-ċitazzjoni jitlob li jiġi deċiż skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża. Flimkien maċ-ċitazzjoni l-attur għandu jippreżenta wkoll dikjarazzjoni ġuramentata minnu li fiha jikkonferma l-kreditu tiegħu u li fil-fehma tiegħu l-konvenut m'għandux eċċezzjoni valida x'jagħti.*

*Skond l-art. 169 iċ-ċitazzjoni għandha tkun notifikata lill-konvenut fi żmien jumejn tax-xogħol u l-konvenut jista' jiġi mħarrek biex*

*jidher minn ġurnata għall-oħra u f'ebda każ aktar tard minn jumejn tax-xogħol minn notifika taċ-ċitazzjoni.*

*Meta ma jiġix osservat wieħed mit-termini kontemplat fl-art. 169 il-kawża ma tistax issegwi iżjed il-proċediment sommarju speċjali u l-Qorti għandha tiddiferixxi l-kawża sabiex tagħti żmien skond il-proċedura normali biex il-konvenut jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu skond il-liġi.*

Il-Qorti:- Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat lill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur nomine, wara li ppremetta li Natale Falzon, illum mejjet, missier ir-raġel rispettivament tal-konvenuti kien il-proprjetarju tad-ditta *"General Building Materials"* (G.P.M.); u peress illi l-konvenuti tfal tad-decujus huma l-eredi ta' missierhom u l-konvenuta martu kellha interess u kienet komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' żewġha; u peress illi Natale Falzon f'ismu u bħala proprjetarju tal-imsemmija ditta kien ordna mingħand is-soċjetà attriċi, u dina speditlu u kkonsenjatlu *calorifiers* bil-prezz komplessiv ta'.....

*Omissis;*

U peress illi l-kreditu tas-soċjetà attriċi qatt ma ġie kontestat mill-konvenuti; u peress illi għalhekk il-konvenuti ma għandhom ebda eċċezzjoni jew raġuni valida biex jikkontestaw it-talba, u għalhekk l-attur nomine għamel l-affidavit relattiv f'dan is-sens (Dok. D); l-itess attur nomine talab li din il-Qorti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-artikoli mija sebgħa u sittin – mija u sbegħin (167 – 170) tal-Proċedura Ċivili tikkundanna lill-konvenuti jħallsu (a) is-somma ta' .....

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fit-28 ta' Mejju, 1986, li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talba tal-attur nomine kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

Peress li fiċ-ċirkostanzi t-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni tidher ġustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata illum stess, bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża, skond il-proċedura ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti ppreżentata fit-3 ta' Ġunju, 1986;

Rat il-petizzjoni tal-appell tal-konvenuti ppreżentata fid-19 ta' Ġunju, 1986, li biha l-konvenuti talbu bir-rispett illi s-sentenza *mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Mejju, 1986, fil*-kawża fuq riferita tiġi revokata bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-attur nomine;

Rat ir-risposta tal-attur appellat;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Trattat l-Appell;

Ikkunsidrat:

*Illi* l-appellanti fl-ewwel lok qegħdin jissottomettu li s-sentenza appellata hija nulla billi ma ġewx segwiti d-disposizzjonijiet **tal-liġi relattivi għall-proċediment sommarju**

speċjali kontemplat fl-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. M'hemmx dubju li ċ-ċitazzjoni tal-attur ġiet proposta bil-proċedura fuq imsemmija. Skond dawn id-disposizzjonijiet, fil-każ ta' talba għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut, l-attur jista' fl-att stess taċ-ċitazzjoni jitlob li jiġi deċiż skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża. Flimkien maċ-ċitazzjoni l-attur għandu jippreżenta wkoll dikjarazzjoni ġuramentata minnu li fiha jikkonferma l-kreditu tiegħu li fil-fehma tiegħu l-konvenut m'għandux eċċezzjoni valida x'jagħti;

Skond l-Artikolu 169 imbagħad tal-istess Kodiċi, iċ-ċitazzjoni għandha tkun notifikata lill-konvenut fi żmien jumejn *tax-xogħol* u l-konvenut jista' jiġi mħarrek biex jidher minn ġurnata għall-oħra u f'ebda każ aktar tard minn jumejn tax-xogħol minn notifika taċ-ċitazzjoni. Issa ċ-ċitazzjoni *preżenti kienet* ġiet preżentata *fis-7* ta' *Frar, 1984*, u *l-Qorti* appuntat il-kawża għas-smiegħ għall-20 ta' Frar, 1984. Skond ir-riferti li hemm maċ-ċitazzjoni, il-konvenuta, Helma Doublesin, ġiet notifikata darba fil-11 ta' Awissu, 1984, u oħra fl-4 ta' Diċembru, *1984*. Dan *juri li t-termini stabbiliti għan*-notifika u smiegħ tal-kawża ma ġewx osservati;

*Omissis;*

Din il-qorti fil-kawża "Dr. Joseph Schembri *et noe.* vs Joseph Said" deċiża fit-23 ta' Jannar, 1985, qalet li meta ma jiġix osservat wieħed mit-termini kontemplat fl-Artikolu 169 *tal-Kodiċi fuq ċitat il-kawża ma tistax issegwi iżjed il*-proċediment sommarju speċjali u l-Qorti għandha tiddifferixxi l-kawża sabiex tagħti żmien skond il-proċedura normali biex *il-konvenut jippreżenta n-nota ta'* l-

**eċċezzjonijiet tiegħu skond il-liġi.** Issa jidher ċar li f'din il-kawża t-*termini stabbiliti mill-liġi* fl-Artikolu 169 *fuq ċitat ma ġewx segwiti* u għalhekk din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li s-sentenza appellata hija nulla;

Una volta li l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni ma tara ebda skop utli li teżamina s-sottomissjonijiet l-oħra tal-appellanti biex tara hemmx xi nullità taħt xi aspett ieħor;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenuti appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata mgħotija mill-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fit-28 ta' Mejju, 1986, billi tiddikjara l-istess nulla u bla ebda effett fil-liġi u tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni u eventwali deċiżjoni skond il-liġi;

L-ispejjeż tal-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza fiċ-ċirkostanzi għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.